# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April 2001

Citazzjoni numru 171/95 AJM

Kawza numru

Avukat Dottor Pierre Fenech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' Victor, Mario u Vince Valentino f'isimhom proprju u ghan-nom tad-ditta Valentino Brothers

Vs

Godwin Abela u Alfred Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' kummercjali The Cargo Handling Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-6 ta' Frar 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi d-ditta Valentino Brothers importat f'Malta tmienja u ghoxrin (28) bundle injam mill-Italia li originat mill-Kosta ta'

l-Ivorju, fuq il-vapur “Jolly Verde” u sussegwentement l-M.V. Tarkwa li wasal Malta fit-8 ta’ Frar, 1994; illi meta l-merkanzija giet imhatta, gie konstatat li nizlu l-‘bundles’ kollha u cioe 28 ‘bundle’ skond il-polza ta’ kariku numru sebgha u sittin ittra B; illi meta l-merkanzija giet ikkonsenjata lill-importatur, instab li zewg ‘bundles’ kienu nieqsa kif jirrizulta mill-“Gate Pass Out” mahrug mid-dipartiment tal-Port; illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta’ attrici, bhala assikuratur tal-merkanzija, hallset lill-importatur is-somma ta’ erba’ mija u disa’ u ghoxrin lira u tmenin centezimu (LM429.80) ghan-nuqqasijiet fuq indikati skond is-surroga li qed tigi hawn annessa; illi s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-ditta Valentino Brothers;
2. tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ LM429.80 in linea ta’ danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga tad-drittijiet tieghu kif intqal, flimkien ma’ l-imghax skond il-ligi mis-27 ta’ Mejju, 1994.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta presentata fit-28 ta’ Marzu 1995 li permezz taghha eccepiet:-

1. It-talbiet huma nfondati stante li l-ebda vapur M.V. Jolly Verde ma wasal Malta fit-8 ta’ Frar, 1994 u ghalhekk l-azzjoni attrici hija nulla.
2. L-infondatezza tat-talbiet billi l-konvenuti qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza mistennija minnhom.

3. L-ezenzjoni mir-responsabbilita' in forza ta' l-artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 u ta' l-artikolu 6(3)(a)(v)(vi) tal-Ports Ordinance 1962.
4. L-ezenzjoni mir-responsabbilita' in forza ta' l-artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966 billi l-merkanzija tinhazen "in the open and at the sole risk of the owner".
5. Li s-survey fees mhux dovuti.
6. Li l-imghax mhux dovut billi qatt ma kien hemm interpellazzjoni ghall-ammont determinat, qatt ma saret surroga fl-interessi u billi l-kawza hija wahda ta' danni da liquidarsi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' konvenuta.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Mejju 1995 meta talba biex tigi korretta c-citazzjoni giet milqugha.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju biex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-12 ta' Jannar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba ta' socjeta' assikuratrici ghar-risarciment ta' ammont minnha mhallas lill-assikurat wara li nstabet xi merkanzija nieqsa. Is-socjeta' attrici kienet tkopri konsenja ta' injam destinata ghad-ditta Valentino Brothers u gejja minn barra minn Malta fuq bastiment merkantili. Il-merkanzija waslet Malta fit-8 ta' Frar 1994 u dahlet fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta. Din l-azzjoni mhux indirizzata lejn l-agent tal-carrier, izda hija indirizzati biss lejn is-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd billi qed jigi allegat li parti mill-merkanzija importata, naqset waqt  li din kienet fil-pussess u kontroll tas-socjeta' konvenuta.

Mil-provi prodotti jidher li d-ditta Valentino Brothers kienet ordnat kwantita ta' injam mil-Kosta ta' l-Ivorju. Din il-merkanzija itghabbit fuq il-bastiment Jolly Verde fil-port ta' San Pedro u sussegwentement sar trasbord ghal fuq il-bastiment Tarkwa, dejjem tas-socjeta' Ignazio Messina & C., fil-port ta' La Spezia, Italia. Il-merkanzija finalment waslet Malta fit-8 ta' Frar 1992 u tnizlet minn abbord.

Mid-dokument A a fol 15 tal-process, li huwa l-Bill of Lading rilaxxat mil-bastiment Jolly Verde fil-port ta' San Pedro, jirrizulta li l-merkanzija destinata ghad-ditta Valentino Brothers, kienet tikkonsisti fi 28 bundles, 22 bundle injam tat-tip Acajou u 6 bundles injam tat-tip Iroko. Meta din il-merkanzija giet mghobbija fuq il-bastiment Tarkwa gewwa La Spezia, l-kariku, kif jidher mid-dokument RM a fol 76 (konsistenti fi Bill of Lading tal-istess bastiment) kien jikkomprendi kwantita' ohra ta' bundles ta' injam li flimkien ma dawk destinati ghad-ditta Valentino, b'kollox kienu jammontaw ghall-mija u disgha bundles.

Mit-Tally li sar waqt li l-merkanzija kienet qed tinhat fil-port tal-Belt, (Dok CH fol 43 tal-process) kif ukoll mit-Tally ta' S. Mifsud & Sons,

agenti tal-bastiment (Dok AM fol 42), it-tnejn iffirmati minn Ronnie Muscat, ghall-agent tal-vapur, u rappresentant tas-socjeta' konvenuta, jirrizulta li l-bundles li ittellaw fuq il-bastiment Tarkwa gewwa La Spezia, u cioe 109, gew kollha zbarkati hawn Malta.

Mid-dokument AB1 a fol 51 tal-process, konsistenti f'lista ta' merkanzija li nizlet minn fuq il-bastiment Tarkwa u mizmuma mid-dipartiment tad-Dwana, jidher li l-mercja tad-ditta Valentino kienet mghobbija fuq tlett flat racks numerati 018732/3, 018339/6 u 018722/0. Minn dan l-istess dokument, kif korroborat mit-tallies li inzammu waqt li l-merkanzija kienet qed tinhat minn abbord, jirrizulta li fuq kull wahda minn dawn ir-racks kien hemm rispettivament disgha (9), ghaxra (10) u sebgha (7) bundles ta' injam. Dan ifisser li l-injam li wasal Malta fuq il-bastiment Tarkwa, destinat ghad-ditta Valentino, kien jikkonsisti f'sitta u ghoxrin (26) bundle u mhux tmienja u ghoxrin (28). Il-Gate Pass Out (Dok B a fol 6 tal-process) jindika li dawn is-26 bundle gew effettivament kkonsenjati mis-socjeta' konvenuta lir-rappresentant tad-ditta Valentino.

Minn dan kollu l-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li z-zewg bundles nieqsa, naqsu jew fil-port ta' La Spezia jew waqt it-tragit fuq il-bastiment Jolly Verde bejn il-port ta' San Pedro, fil-kosta tal-Ivorju u l-Italia. Ghalhekk s-socjeta' konvenuta mhux responsabbli ghal ebda nuqqasijiet billi hija kkonsenjat ezattament dak li irceviet.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J. Magri